



PJATTAFORMA TAL-UE GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAT-TFAL

OĦLOQ, IPPJANA, IPPARTEĊIPA

L-EWWEL LAQGĦA TA' ĦIDMA


is-27 u t-28 ta' Ġunju 2024

RAPPORT

**Aħna ġejjin
mill-Ewropa
kollha**



EU Children's Participation Platform
Second Consultation



**OUR DEMOCRACY,
OUR CHOICE**
Summary of what children said

March-May 2024

EU CHILDREN'S
PARTICIPATION PLATFORM
#EUChildParticipation



COMMISSION RECOMMENDATION
ON DEVELOPING AND
STRENGTHENING INTEGRATED
CHILD PROTECTION SYSTEMS

THE CHILDREN'S VERSION



DWAR XIEX KIENET IL-LAQGĦA?

Fis-27 u t-28 ta' Ġunju, [il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal](#) (fil-qosor "il-Pjattaforma") kellha l-ewwel laqgħa ta' ħidma tagħha fi Brussell ma' 36 tifel u tifla minn madwar l-Ewropa bejn l-etajiet ta' 11-il sena u 17-il sena.

Inħarsu lejn x'għamlet il-Pjattaforma f'dawn l-aħħar sentejn – ara [l-Pjan ta' Ħidma 2023–2024](#) u ppjanajna l-Pjan ta' Ħidma li jmiss (2025–2026).

It-tfal ipparteċipaw f'sessjonijiet ta' ħidma u diskussjonijiet dwar il-Pjattaforma u tkellmu mal-adulti dwar il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni fil-qosor). It-tfal iddiskutew ukoll suġġetti importanti għalihom u li l-Pjattaforma għandha taħdem fuqhom.

Il-laqgħa ġiet iffaċilitata b'mod konġunt minn membri tal-Panel tat-Tfal (fil-qosor "il-Panel"), li qasmu l-ideat tagħhom dwar kif il-programm jista' jitjieb għat-tfal kollha. **Aurora** (mill-Litwanja), **Eyman** (mill-Iżvezja), **Gabriel** (mill-Iżvezja), **Gabrielius** (mill-Litwanja), **Luisa** (mill-Ġermanja), **Maria** (mir-Rumanija), **Naya** (min-Netherlands), **Tea** (mill-Kroazja), **Yassmin** (minn Spanja) u **Zahira** (minn Spanja) ħadu rwol ta' tmexxija fil-moderazzjoni konġunta tas-sessjonijiet, fl-introduzzjoni ta' loġħob interattiv u attivitajiet ta' bini ta' timijiet. Huma għenu wkoll biex il-laqgħa tiġi rreġistrata b'vidjos u intervisti.

Il-pjattaforma taħdem biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tat-tfal madwar l-Ewropa kollha u ttejjeg lit-tfal ikunu ċittadini attivi u membri ta' soċjetajiet demokratiċi. Tgħallem aktar dwar l-attivitajiet tagħna fuq is-sit web tal-Pjattaforma u dwar din il-laqgħa [f'din il-paġna apposta](#).

Il-Panel tat-Tfal huwa l-grupp ta' kokreazzjoni tal-Pjattaforma li l-kontribut siewi tiegħu jgħin fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma.



X'GĦAMILNA FL-2023-2024

Objettivi: Li jiġi eżaminat x'ħadem, x'jistat' jitjieb, u x'jistat' jsir aktar

TNEDIJA TAL-LAQGĦA

Tea u Aurora mill-Panel u Marie-Cécile Rouillon mill-Kummissjoni kkofaċilataw il-laqgħa fl-ewwel jum. Yassmin ippreżentat il-Pjattaforma u l-attivitajiet tagħha fl-aħħar sentejn: l-ewwel [Assemblea Ġenerali](#), laqgħat tal-Bord Konsultattiv, u konsultazzjonijiet u laqgħat online [dwar is-sigurtà](#) u [d-demokrazija](#).

DWAR ID-DRITTIJET TAT-TFAL

Mistieden mill-Kummissjoni, Iris Abraham mill-kabinet tal-Viċi President Dubravka Šuica, ħadet sehem f'diskussjoni ma' Naya mill-Panel. Iris wieġbet il-mistoqsijiet ta' Naya u kkonfermat l-impenn kontinwu tal-UE lejn id-drittijiet tat-tfal. Hija spjegat kif jaħdmu l-elezzjonijiet fl-UE u li dalwaqt se jkun hemm persuna ġdida li tiegħu ħsieb id-drittijiet u l-ġustizzja fl-UE għall-ħames snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtieġ jieħdu azzjoni abbażi tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.



Naya qalet li t-tfal kienu mħassba dwar l-għadd kbir ta' voti li ġabu l-partiti estremisti matul l-elezzjonijiet u li huwa importanti li ż-żgħażaġh jithejju u jiġu involuti aħjar fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

TFAL JOĦOLQU L-PJATTAFORMI TAGĦHOM

It-tfal ħadmu f'sitt gruppi u bnew il-"pjattaformi" tagħhom stess biex jgħinu fid-diskussjoni tal-attivitajiet tal-Pjattaforma, u qasmu l-fehmiet tagħhom dwar is-suġġetti rappreżentati minn kull wieħed mis-sitt pilastri:



ATTIVITAJIET, INFORMAZZJONI U GRUPPI

	ATTIVITAJIET li jistgħu jgħinu lit-tfal jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet tal-gvern u fl-attivitajiet tal-Pjattaforma	INFORMAZZJONI li jridu t-tfal dwar l-UE u l-Pjattaforma, u kif nikkomunikaw magħhom	GRUPPI li t-tfal jieħdu gost jaħdmu fihom u li fihom iħossuhom inklużi, u kif it-tfal jaħdmu flimkien wiċċ imb wiċċ u online
X'qalu t-tfal	<p>Il-Pjattaforma għandha tkun inklużiva u toffri attivitajiet għat-tfal kollha, ta' kull età.</p> <p>Ħidma fi gruppi u laqgħat wiċċ imb wiċċ, żjarat fl-istituzzjonijiet tal-UE, ħafna diskussjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u internazzjonali, logħob interattiv u attivitajiet ta' bini ta' tim huma l-mod kif nimxu 'il quddiem!</p> <p>Proġetti ffinanzjati mill-gvern, mentoraġġ bejn il-pari u diskussjonijiet imħallta bejn it-tfal u l-adulti huma importanti wkoll.</p> <p>Aktar laqgħat immexxija mit-tfal, u li jinkludu aktar lit-tfal.</p>	<p>It-tfal iridu jkunu jafu kif jingħaqdu fil-Pjattaforma, l-istorja ta' kif bdiet, u x'inhi r-rappreżentanza tat-tfal.</p> <p>It-tfal iridu jitgħallmu dwar l-UE, il-liġijiet u t-tfassil tal-politika, x'tagħmel l-UE għat-tfal, għaliex, kif u fuq xiex taħdem l-UE,</p> <p>L-informazzjoni għandha tiġi kondiviża permezz ta' logħob, kartuns u formati interattivi.</p> <p>Il-pjattaforma tista' tgħin lit-tfal jikkellmu dwar il-parteċipazzjoni tal-UE f'pajjiżhom.</p>	<p>It-tfal huma parti minn ħafna gruppi, bħal tal-isport u gruppi tal-iskejjel, tal-kunsilli, ta' movimenti eċċ.</p> <p>It-tfal jistgħu jaħdmu aħjar online jekk ikun hemm għanijiet ċari, sessjonijiet interattivi u dinamiċi, logħob u xogħol fi gruppi.</p> <p>Inklużjoni tat-tfal fil-gruppi; l-adulti għandhom jisimgħu u jikkomunikaw aktar mat-tfal u jeħduhom bis-serjetà.</p> <p>Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom jikkellmu mat-tfal aktar ta' spiss.</p>



KIF TIKKOMUNIKA L-BIDLA LIT-TFAL

Flimkien mal-esperti tal-parteċipazzjoni tat-tfal, **Laura u Lotte**, it-tfal iddiskutew kif iħossuhom dwar il-bidliet li saru bis-saħħa tal-kontribut tagħhom, u kif iridu li dan jiġi kkomunikat lilhom. Id-diskussjoni kienet ibbażata fuq poster li wera x'qalu t-tfal matul [il-konsultazzjoni dwar kif iħossuhom fis-sikur](#) u kif il-Kummissjoni użat dak il-kontribut.

It-tfal qalu li l-informazzjoni dwar il-poster tista' tkun aktar adattata għat-tfal billi:

- L-informazzjoni tkun ippreżentata b'inqas test u b'aktar fonts divertenti
- Jintużaw aktar kuluri u elementi viżivi
- Jintuża lingwaġġ aktar sempliċi u adattat għat-tfal
- L-informazzjoni tiġi ppubblikata online minflok fuq posters stampati

SIT WEB, PROMOZZJONI U KOMUNIKAZZJONI

Jane mill-Kummissjoni ppreżentat il-ħidma li saret mit-tim ta' kokreazzjoni tas-sit web u minn membri tfal oħra tal-Pjattaforma. Is-suġġerimenti tagħhom dwar il-kategoriji tal-kontenut, id-dehra u s-sensazzjoni viżiva, bl-użu ta' inqas test u formati aktar interattivi qed jintużaw fl-iżvilupp tas-[sit web tal-Pjattaforma](#).

It-tfal imbagħad għażlu li jipparteċipaw f'wieħed minn tliet workshops:

- Promozzjoni – ma' Lauren mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ (European Youth Forum - EYF fil-qosor):** It-tfal iddiskutew kif jistgħu jinfluwenzaw lin-nies fil-poter biex jagħmlu bidla. Kull tifel u tifla tkellmu dwar qasam ta' bidla li jixtiequ jinfluwenzaw f'pajjiżhom. Abbażi tal-[Manwal dwar il-Promozzjoni](#), huma ħarsu lejn il-passi ewlenin ta' promozzjoni: kif tagħżel x'tibdel, kif issib soluzzjonijiet u kif tiddeċiedi l-aħjar metodi. Xi wħud mill-metodi kienu li tintbagħhat ittra, li ssir laqgħa mal-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet, l-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' petizzjoni. Lauren tkellmet dwar eżempju ta' promozzjoni fil-kampanja tal-EYF biex tbaxxi l-età tal-votazzjoni għal 16-il sena fl-elezzjonijiet kollha l-Ewropa kollha.
- Komunikazzjoni – ma' Jose, influwenzatur, kantant u attivista żagħżuġh:** It-tfal tkellmu dwar li l-midja soċjali, it-tiftix online u l-iskola huma kollha pjattaformi tajbin għall-komunikazzjoni mat-tfal. Huma ssuġġerew l-għoti ta' informazzjoni dwar il-Pjattaforma f'avvenimenti tal-iskola, fil-midja soċjali u f'workshops differenti. Il-vidjos u l-intervisti wkoll jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħażaġh. It-tfal qalu wkoll li jafdaw l-aktar l-informazzjoni li tasal mingħand tal-familja, il-ħbieb u l-ġenituri. Huma għandhom kurżità jsimgħu dak li jaħsbu l-adulti iżda qalu li t-tfal jeħtieġu opportunitajiet biex jesprimu t-tħassib tagħhom ukoll.
- L-involvement ta' tfal iżgħar – b'Cath and Tove, esperti dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal mis-Segretarjat:** It-tfal taħt it-12-il sena qalu li jużaw il-midja soċjali u l-kanali tal-vidjo. Għalhekk, tista' tkun idea tajba li kieku l-influwenzaturi jmessu sessjonijiet ta' ħidma fl-iskejjel u jdawru vidjos informattivi u divertenti dwar il-Pjattaforma biex it-tfal iżgħar jiġu mħajra involvu ruħhom!



X'HA NAGĦMLU FL-2025-2026

Objettivi: Li jiġu kondiviżi u diskussi l-prijoritajiet u l-proposti tat-tfal għall-ħidma futura tal-Pjattaforma

IPPJANAR TAL-FUTUR

Naya, Gabrielius u Marie-Cécile ikkomoderaw it-tieni jum. It-tfal komplew jaħdmu fi gruppi fejn iddiskutew il-preferenzi tagħhom għall-ħidma futura tal-Pjattaforma, u s-suġġetti li ħassew li kien importanti li jiġu koperti. L-ideat li t-tfal kienu qasmi fl-ewwel laqgħat tal-Assemblea Ġenerali u tal-Bord Konsultattiv ġew inklużi wkoll ma' dawn l-ideat.

FUQ XIEX TA'HEM IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Adulti mill-Kummissjoni tkellmu dwar oqsma differenti tal-ħidma tal-Kummissjoni u kif huma konnessi mat-tfal. Id-diskussjoni kienet kofacilitata minn Aurora mill-Panel u minn Marta mill-Kummissjoni.

Is-sikurezza online u l-bullying ċibernetiku:



- **Marie-Cécile** mid-DĠ JUST (Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi)
- **Greta** mid-DĠ CONNECT (Id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija)

Il-Kummissjoni taqbel li l-adulti għandhom jaħdmu aħjar flimkien, billi jużaw is-suġġerimenti tat-tfal dwar kif jistgħu jipproteġuhom aħjar, jirrispettaw id-diversità, u joħolqu postijiet online u fiżiċi aktar sikuri. Il-prevenzjoni, u t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet fil-livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali huma importanti ħafna.

Il-Kummissjoni tgħin biex jiġi żgurat li d-dinja diġitali tkun aċċessibbli u sikura għat-tfal billi toħloq regoli ġodda biex jiġu protetti aħjar il-privatezza u s-sikurezza online, inklużi l-magni tat-tiftix u l-midja soċjali. Għandhom ukoll [pjan biex itejbu l-ambjent online](#), jagħmlu l-internet aktar sikur u jagħtu appoġġ meta tkun meħtieġa għajnuna dwar kwistjonijiet online.

Il-faqar u l-inklużjoni:

- **Stefan** mid-DĠ EMPL (Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni)

Wieħed minn kull erbat itfal Ewropej jgħixu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni. Il-Kummissjoni taħdem fuq il-prevenzjoni, u tgħin biex tiżgura li l-ġenituri jkollhom impjiegi tajbin li jġibu l-flus u li jagħmluhom kuntenti. Il-Kummissjoni ppubblikat [rakkomandazzjoni](#) għall-Istati Membri dwar kif jgħinu lill-familji u lit-tfal f'riskju ta' faqar u kif jiżguraw li t-tfal ikollhom aċċess għas-servizzi ewlenin, bħall-kura tas-saħħa.

Il-benesseri u l-edukazzjoni:



- **Oana** mid-DĠ EAC (Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura)

Dan l-aħħar, il-Kummissjoni introduċiet [linji gwida](#) importanti dwar kif jiġi appoġġat il-benesseri fl-iskejjel. It-tfal jeħtieġu appoġġ biex jitgħallmu kif jifhmu l-emozzjonijiet tagħhom, jirrispondu għall-kunflitti, u jsibu r-riżorsi li jeħtieġu. L-iskejjel għandhom rwol biex jgħinu lit-tfal jindirizzaw l-ansjetà u kwistjonijiet ta' saħħa mentali. L-għalliema huma parti importanti minn dan il-proċess u jeħtieġ li jiġu appoġġati wkoll.

Finanzjament:



- **Valeria** mid-DĠ JUST (Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi)

[Il-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri](#) (Citizens, Equality, Rights and Values Programme - fil-qosor CERV) huwa mod kif il-bliet, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu jirċievu flus mill-Kummissjoni biex jaħdmu fuq suġġetti li huma importanti għat-tfal. Kif? L-ewwel nett, ikun hemm sejħa. Imbagħad l-organizzazzjonijiet japplikaw billi jippreżentaw l-ideat tal-proġett tagħhom. Wara l-evalwazzjoni, l-aħjar proġetti jirċievu l-flus. It-tfal jistgħu jkunu involuti fil-proposta li jmiss u jgħinu lill-esperti tal-Kummissjoni jifhmu liema suġġetti u proġetti huma importanti għat-tfal.



Tibdil fil-klima:

- **Elias** mid-DĠ CLIMA (Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika)

Il-Kummissjoni tgħin biex iż-żgħażaġh jiġu involuti fl-azzjoni klimatika. Huma jistgħu jagħmlu dan billi joħolqu network ta' tfal u żgħażaġh li jippromwovu l-azzjoni klimatika fil-komunitajiet tagħhom. Fl-2024, se jkun hemm opportunità ġdida biex iż-żgħażaġh japplikaw biex isiru Ambaxxaturi tal-Patt Klimatiku. It-tfal jistgħu jagħmlu ħafna affarijiet għall-klima! Huma jistgħu jorganizzaw Parlament bejn il-Pari, li jinvolvi diskussjoni ma' tfal oħra; u hemm settijiet ta' għodod online dwar kif tagħmel dan.

Aktar punti ewlenin

It-tfal ħadu ritratti għall-identità viżiva l-ġdida tal-Pjattaforma, u eżaminaw is-sit web il-ġdid. Kellhom ukoll kabina tar-ritratti biex jieħdu ritratti ta' tifikira u żjara bil-mixi biex jesploraw Brussell.

L-adulti li jakkompanjawhom ipparteċipaw f'sessjonijiet ta' ħidma dwar kif il-Pjattaforma tista' tittejjeb u kif is-sit web jinħoloq flimkien mat-tfal.



**Iż-żieda tal-fehmiet
tal-Kummissjoni
Ewropea**

IL-PRJORITAJIET TAT-TFAL

Wara li ddiskutew dak li semgħu mill-Kummissjoni, it-tfal għażlu l-aktar suġġetti importanti billi vvutaw. Fi gruppi, imbagħad ħolqu taħditiet qosra u posters dwar dawn is-suġġetti biex jippreżentaw lil kulħadd:



klima

1. Ambjent

Inwaqqfu n-nirien fil-foresti u nieħdu ħsieb l-ambjent, biex l-effett tat-tibdil fil-klima jkun inqas!

2. Edukazzjoni

It-tfal jeħtieġu aktar għalliema u approċċ modern għat-tagħlim. It-tfal għandhom jiġu mgħallma affarijiet importanti u prattiċi li jwassluhom biex isibu impjeg.



edukazzjoni



gwerer

3. Gwerer

All-gwerer jolqtu wkoll lit-tfal u għalhekk jeħtieġ li jieqfu. Jeħtieġ li nġibu l-paċi fid-dinja. Il-komunitajiet u l-pajjiżi milquta mill-gwerer għandhom jirċievu flus u appoġġ biex jinbnew mill-ġdid.

4. Saħħa mentali u fiżika

Moħħ b'saħħtu f'ġisem b'saħħtu! Dawn it-tnejn huma marbuta flimkien. It-tfal kollha jeħtieġu aċċess liberu għall-isport, inklużi t-tfal b'diżabilità. Għandha tkun aċċessibbli għajna mill-adulti għat-tfal, pereżempju permezz ta' assistenti tal-kura tas-saħħa fl-iskejjel.



saħħa mentali



drittijiet tat-tfal

5. Id-drittijiet tat-tfal

It-tfal kollha għandhom jiġu mgħallma dwar id-drittijiet tat-tfal u kif jużawhom.

6. Diskriminazzjoni

It-trattament inġust ta' gruppi differenti għandu jispiċċa. Soluzzjoni minnhom hija li nitkellmu dwar id-diskriminazzjoni ma' dawk li jfasslu l-politika u niġbdulhom l-attenzjoni li dak li jgħidu huma għandu impatt.



diskriminazzjoni



faqar

7. Faqar

It-tfal ma jirnexxilhomx jitgħallmu meta jkunu bil-ġuħ. It-tfal li jinsabu f'riskju ta' faqar għandhom jingħataw ikliet b'xejn. Ħadd ma għandu jiġi eskluż soċjalment jew jiġi ttrattat b'mod differenti. L-inklużjoni hija kruċjali.

8. Is-sikurezza online

Is-sikurezza fil-midja soċjali hija importanti. Kwistjonijiet bħall-bullying online jeħtieġ li jiġu solvuti. Tista' titkellem mal-għalliema dwar is-sikurezza online.



midja soċjali



parteċipazzjoni fil-politika

9. Parteċipazzjoni fil-politika

Il-politiċi għandhom jinvolve ruħhom aktar maż-żgħażaġh. Suġġetti importanti li għandha ssir ħidma fuqhom huma li t-tfal jingħataw l-opportunità jivvutaw ta' 16-il sena, li l-politika ssir aktar informali u inklużiva, u li jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex anki membri iżgħar ikunu jistgħu jsiru mexxejja.

KONKLUŻJONI

Is-sessjon tal-għeluq kienet kofaċilitata minn **Naya** u **Gabrielius** u minn **Marta** mill-Kummissjoni. Ingrid tkellmet dwar il-kontenut u l-entużjażmu tagħha dwar il-ħidma kbira li saret fuq il-Pjattaforma matul l-ewwel sentejn u rringrazzjat lit-tfal u lill-adulti kollha li għamluha possibbli.

Il-ħidma li saret mit-tfal matul il-laqgħa se tgħin biex jinħoloq il-pjan tal-Pjattaforma għas-sentejn li jmiss:

- Il-Pjan ta' Ħidma 2025–2026 se jiġi żviluppat mill-Kummissjoni u mis-Segretarjat tal-Pjattaforma u se jinkorpora l-proposti tat-tfal.
- Il-Panel tat-Tfal se jirrevedi l-pjan, u l-Bord Konsultattiv se japprovah.
- Is-Segretarjat se jinforma lit-tfal jekk xi s-suġġetti proposti minnhom ma jiġux inklużi u jispjega għaliex.

NINSABU ĦERQANA LI NIBDEW SENTEJN OĦRA TA' ĦIDMA IMPORTANTI MAT-TFAL TAL-UE U GĦALIHOM!

Għal aktar informazzjoni, ritratti u vidjos, jekk jogħġbok żur is-[sit web tal-Pjattaforma](#).



PJATTAFORMA TAL-UE GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAT-TFAL

